# Tkompli r-riċerka avvanzata dwar il-Gamiem

## Tliet għasafar tal-passa tar-rebbiegħa li twaħħlitilhom satellite tag f'Mejju xhieda ta' dak li jgħaddu minnu dawn l-għasafar vulnerabbli

Grazzi għal riċerka kontinwa li għaddejja taħt is-superviżjoni tal-Justus Liebig University of Giessen fil-Ġermanja, din ir-rebbiegħa BirdLife Malta rnexxielha tagħmel satellite-tagging ta' tliet Gamimiet. Dan l-isforz jirreplika u jżid mal-vjaġġi ta' Francesco, Gamiema Taljana li oriġinarjament ukoll kienet twaħħlitilha satellite tag f'April 2017 mis-santwarju tal-għasafar ta' Kemmuna, u li għadha tittrażmetti sal-lum. Din ir-riċerka hija possibbli bis-saħħa ta' sponsorship min-Nature and Biodiversity Conservation Union, NABU (BirdLife Germany) li għażlet il-Gamiema bħala l-għasfur tas-sena 2020 fil-Ġermanja.

Xogħol ta' riċerka li qed jitmexxa minn Dr Petra Quillfeldt fl-Università ta' Giessen għandu l-għan li jsegwi l-movimenti tal-passa tal-Gamiem madwar l-Ewropa u l-Afrika. Il-Gamiem jitwaħħlulhom satellite tags li jiżnu biss 5g u li jieħdu l-enerġija tagħhom mix-xemx. Dawn jitwaħħlu bħal backpack fuq l-għasfur – u waqt li l-batterija tiġi ċċarġjata bix-xemx, fuq numru ta' ġranet tittrażmetti permezz tal-GPS fejn ikun jinsab l-għasfur. Dan iseħħ kull darba li jkun hemm allinjament mas-satelliti f'orbita mad-dinja. Riżultat ta' dan il-movimenti tal-għasfur jiġu trażmessi b'mod intermittenti ġurnata iva u ġurnata le.

Din it-tip ta' riċerka li qed issir ukoll fil-Ġermanja b'Gamiem li qed jiġi tagged fi tmiem l-istaġun tal-bejta hemmhekk, qed tikkontribwixxi bil-kbir biex insiru nafu aktar dwar din l-ispeċi li hu maħsub li l-popolazzjoni tagħha naqset bi kważi nofs fl-aħħar 16-il sena fl-Ewropa. Dan it-tagħrif jgħin biex jiġu mwieġba ħafna misteri li għad hemm dwar il-Gamiema – kollha informazzjoni li tista' tgħin immensament biex jiġi mħares il-futur ta' dan l-għasfur. Fost l-oħrajn dan jinkludi tagħrif dwar liema huma dawk il-postijiet importanti għall-Gamiem waqt li jkun qed ipassi bejn l-Ewropa u l-Afrika – fosthom zoni fejn jista' jieqaf jistrieħ u jiġbor saħħtu lura biex ikompli bil-vjaġġ; u kif il-Gamiem jindirizza l-ostakli li jiltaqa' magħhom waqt il-vjaġġ tiegħu – mid-Deżert tas-Saħara sal-

Baħar Mediterran, u anke sal-Alpi fil-każ tal-għasafar tat-Tramuntana. Jgħin ukoll lil min qed jagħmel dawn l-istudji biex jistabbilixxi informazzjoni importanti b'rabta mas-siti fejn ibejtu dawn l-għasafar – jekk jiġux lura fl-istess post biex ibejtu kull sena, u jekk il-vjaġġi li jagħmlu jgħaddux mill-istess rotta.

Minn aspett lokali, ir-riċerka qed tgħinna wkoll nifhmu kif il-kundizzjonijiet tat-temp jeffettwaw il-passa tal-Gamiem, kemm hi puntwali l-wasla tagħhom f'Malta, sena wara sena, u fuq kollox – anke bl-għajnuna tal-istudji li jsiru permezz tal-bird ringing – minn fejn joriġinaw għasafar li jgħaddu minn Malta, jekk jerġgħux jgħaddu minn fuq Malta fi triqithom lura waqt il-passa tal-ħarifa, u anke fejn fl-Afrika jieqfu għax-xitwa.

Informazzjoni miġbura sal-lum mill-istudji tar-ringing permezz tan-netwerk xjentifiku rikonoxxut EURING, tattribwixxi l-oriġini tal-Gamiem li jpassi minn Malta lill-Italja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Ġermanja, il-Polonja, Franza, il-Kroazja u l-Awstrija bi status li jvarja fost dawn il-popolazzjonijiet fl-Ewropa.

Minħabba li l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa ta' din is-sena reġa' ħabat mal-aqwa tal-passa tal-Gamiem, u minħabba l-ammont ta' kaċċa illegali għall-Gamiem li kellna f'April, l-għasafar apposta ma ġewx satellite-tagged matul il-perjodu meta tilħaq il-qofol tagħha l-passa tal-Gamiem, sabiex ikun evitat li jintilfu. Tliet għasafar, li ngħataw l-ismijiet Marija, Hope u Virginijus għalhekk ġew tagged fl-1, l-4 u l-5 ta' Mejju wara li ntiżnu, twaħħlilhom ċurkett u tlibbsitilhom is-satellite tag mill-bird ringers liċenzjati tal-BirdLife Malta Ringing Scheme Nicholas Galea u Martin Austad. Ftit wara li nħelsu, ir-ringers tagħna bdew jirċievu l-pożizzjonijiet tagħhom bil-GPS kull ftit ħin u kienu ħerqana biex jaraw l-għasafar drawx l-apparat il-ġdid u kemm kienu se jdumu biex iħallu l-Gżejjer Maltin, u liema direzzjoni kienu se jaqbdu. Illum qed nippubblikaw dan il-video li jiddokumenta l-proċess kollu tas-satellite-tagging u l-mument meta nħelsu.

**Marija**, li kienet tagged fl-1 ta' Mejju, qasmet lejn Għawdex u qattgħet il-lejl fin-naħa ta' fuq tal-gżira. L-aħħar pożizzjoni tagħha kienet irreġistrata filgħodu fit-2 ta' Mejju ftit qabel is-7am. Wara dak il-punt, ma baqgħetx tittrażmetti. Minħabba r-rapporti ta' kaċċa illegali li rċivejna minn Għawdex fl-istess jum, wisq nibżgħu li Marija inqatlet illegalment f'Għawdex qabel setgħet tkompli bil-vjaġġ tagħha. Dan ifisser li l-pajjiż tal-oriġini ta' din il-Gamiema se jibqa' mhux magħruf.

Bit-tama li l-Gamiema li kien imiss ma tiffaċċjax l-istess destin u jirnexxilha tkompli tpassi, **Hope** ġiet ringed u tagged fl-4 ta' Mejju. Il-Gamiema mara baqgħet fuq Kemmuna u qattgħet il-lejl tistrieħ hemmhekk qabel ma telqet fid-direzzjoni tat-Tramuntana lejn Għawdex possibbilment matul il-ġurnata tal-5 ta' Mejju. Wara, ħalliet il-Grigal ta' Għawdex fid-direzzjoni tat-Tramuntana, kompliet bil-vjaġġ matul il-lejl u waslet mal-kosta tax-Xlokk ta' Sqallija l-għada filgħodu. Kuntrarju għal dak li konna qed nistennew, Hope baqgħet bejn wieħed

u ieħor fil-Lvant ta' Sqallija, qrib il-belt ta' Agrigento fejn jidher li se tqatta' l-istaġun tal-bejta.

L-għada kien imiss lill-aħħar Gamiema, raġel, li ssemmiet għall-Kummissarju Ewropew attwali għall-Ambjent, l-Oċeani u s-Sajd Virginijus Sinkevičius. Wara li twaħħlitlu s-satellite tag, Virginijus qatta' l-ġurnata fuq Kemmuna u mbagħad kompla jpassi matul il-lejl lejn Sqallija fejn wasal fi ftit sigħat! Sinjali trażmessi mis-satellita matul il-lejl bejn il-5 u s-6 ta' Mejju kienu juru li Virginijus kien nofs triq f'baħar miftuħ bejn Malta u Sqallija, sakemm wasal fl-inħawi ta' Marina di Ragusa fi Sqallija ftit qabel nofsillejl – vjaġġ ta' xejn inqas minn 85km fuq il-baħar li għamlu fi ftit sigħat. Virginijus qasam iċ-ċentru ta' Sqallija sakemm wasal mal-kosta tat-Tramuntana qrib Cefalù, imbagħad kompla fid-direzzjoni tal-Lvant lejn Palermo. Kif għamel qabel, reġa' għażel il-lejl biex jaqsam il-baħar u qasam il-Baħar Tirren sakemm wasal mal-kosta tal-Lazio fin-Nofsinhar ta' Ruma. Minn hemm, Virginijus baqa' tiela' 'l fuq tul il-kosta tal-Umbria sakemm wasal f'foresta fit-Tramuntana ta' Punta Ala mal-kosta tal-Mediterran fid-9 ta' Mejju. Jidher li minn dakinhar Virginijus issetilja biex ibejjet. Dan juri li bħal Hope huwa wkoll Gamiema Taljana li użat lil Malta bħala post ta' mistrieħ bejn l-Italja u l-Afrika.

Nicholas Barbara, Head of Conservation ta' BirdLife Malta, ikkummenta: "Xogħol bħal dan, li nistgħu nagħmluh grazzi għall-għajnuna tal-imsieħba tagħna u bis-saħħa tad-dedikazzjoni tal-bird ringers tagħna, qed ipoġġi lil Malta fuq il-mappa internazzjonali tar-riċerka bl-iskop li tassisti fl-irkupru ta' din l-ispeċi Ewropea li qed tonqos. Dan jikkuntrasta bil-qawwi mal-persekuzzjoni li ssofri din l-ispeċi lokalment riżultat ta' derogi mħaddma b'mod skorrett fir-rebbiegħa li prattikament jippermettu l-kaċċa illegali għal dan l-għasfur. B'xorti ħażina minkejja li evitajna l-istaġun tal-kaċċa, xorta tlifna waħda mit-tliet Gamimiet kaġun tal-kaċċa illegali f'Għawdex – dan tappan xi ftit ir-riżultati ta' din ir-riċerka u huwa xhieda tar-realtà li għadhom jiffaċċjaw dawn l-għasafar tul il-vjaġġ tagħhom tal-passa minn pajjiż għal ieħor.

Minkejja f'dan, il-fatt li Hope u Virginijus waslu f'postijiet bla perikli fl-Umbria u fi Sqallija, jagħtina ħafna tama għas-sopravivenza ta' din l-ispeċi. Kif inhu mistenni mill-Gamiem għall-ġimgħat li ġejjin, il-vjaġġ tagħhom tal-passa għalissa jasal fi tmiemu hekk kif jieqfu biex ibejtu u jrabbu ġenerazzjoni oħra. Kif jasal tmiem Awwissu, kemm Hope, Virginijus kif ukoll Francesco – li llum huwa kkonfermat bħala 'resident' tar-reġjun tal-Campania fl-Italja – għal darba oħra jaqsmu ċ-ċentru tal-Mediterran fi triqithom lejn il-parti tal-Afrika 'l isfel mis-Saħara."

Inti tista' ssegwi l-movimenti tagħhom online b'mod dirett fuq din il-mappa żviluppata min-NABU: https://bit.ly/FollowTheTurtleDoves.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Holoq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**

- Aktar dwar il-proġett tagħna li qed jistudja l-passa eċċezzjonali tal-Gamiem bis-saħħa tas-satellite tracking
- Mappa li turi b'mod dirett il-movimenti tal-Gamiem li ġew satellite-tagged

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-3y6Eq8A9D3**
*(Ritratti ta' Nicholas Galea, BirdLife Malta)*

1. Marija kienet l-ewwel Gamiema minn tlieta li ġiet satellite-tagged din ir-rebbiegħa, hawnhekk tidher mumenti wara li twaħħlitilha t-tag li tiżen 5g
2. Il-Gamiema Hope bis-satellite tag li tieħu l-enerġija mix-xemx qabel inħelset. Hope kienet it-tieni Gamiema minn tlieta li ġew tagged fuq Kemmuna f'Mejju 2020
3. Virginijus fuq ħajt f'Kemmuna wara li tlesta l-eżerċizzju ta' satellite-tagging u ringing mill-bird ringers Nicholas Galea u Martin Austad. Skont tagħrif trażmess mis-satellite tag (li tidher fuq dahar l-għasfur), il-Gamiema kienet waslet Sqallija fil-11pm tal-istess ġurnata
4. L-aħħar pożizzjoni li kienu fiha t-tliet Gamimiet skont l-aħħar sinjali mis-satellita

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://youtu.be/Jn0W7RVSuJE**
*(Filmati ta' BirdLife Malta, muntaġġ ta' Nathaniel Attard)*

- Video b'filmati esklussivi tal-proċess tas-satellite-tagging u l-mument meta nħelsu Marija, Hope u Virginijus fuq Kemmuna fil-bidu ta' Mejju